**_Ruling_ mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 522 tat-22 ta' Novembru 2021 dwar punti mqajma mill-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Joseph Ellis dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Is-Sedja tagħmel referenza għall-punti mqajma mill-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Joseph Ellis fis-Seduta 519 tal-15 ta' Novembru 2021 wara l-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari u nikkwota:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Mr Speaker, xtaqt niġbidlek l-attenzjoni u nitlob l-intervent tiegħek dwar żewġ mistoqsijiet parlamentari li għamilt, numri 22,519 u 22,520, li saru fit-18 ta' Ottubru. Dawn iż-żewġ mistoqsijiet parlamentari saru lill-Ministru Byron Camilleri u huma dwar imwiet li ġraw fil-Ħabs ta' Kordin. Dawn il-mistoqsijiet reġgħu saru ħames darbiet oħra u għadhom sal-lum mhux imwieġba.
>
> ....
>
> **ONOR. JOSEPH ELLIS:** Grazzi, Mr Speaker. Jien ukoll nixtieq niġbed l-attenzjoni tas-Sedja għall-fatt li l-istess Ministru Byron Camilleri fir-rigward tal-mistoqsija parlamentari numru 22,941 din hija s-seba' darba li ma weġibhiex u fir-rigward tal-mistoqsija parlamentari numru 22,942 din hija r-raba' darba li weġibhiex. Din mhijiex xi mistoqsija ... Tirrikjedi ftit statistika imma m'hemm l-ebda raġuni għaliex ma weġibhiex."

Is-Sedja, kif għamlet diversi drabi, anke kif diversament ippreseduta, terġa' tinnota illi hija ma għandhiex mansjoni li tintervjeni kif jitwieġbu Mistoqsijiet Parlamentari. Anke meta tirreferi għall-prattiċi tal-House of Commons tar-Renju Unit u għall-fatt li l-prattiċi tal-Parlament Malti f'dan ir-rigward jirriflettu dawk tal-istess Parlament Ingliż, tinnota illi f'paġna 356 tal-*Erskine May, Parliamentary Practice (24 Edition)* taħt it-titolu "Speaker's control of questions", jingħad illi:

> "*The Speaker's responsibility in regard to questions is limited to their compliance with the rules of the House. Responsibility in other respects rests with the Member who proposes to ask the question and responsibility for answers rests with Ministers.*"

Madankollu, is-Sedja tifhem u tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari, u kien għalhekk li infurmat lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi bir-rimarki tal-Onor. Aquilina u l-Onor. Ellis, u ġibdet l-attenzjoni għall-importanza li l-Mistoqsijiet Parlamentari jiġu mwieġba, u dan fi żmien raġonevoli.

Għadha kif inġiebet għall-attenzjoni tas-Sedja komunikazzjoni datata llum lill-Iskrivan tal-Kamra mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi dwar dawn iż-żewġ talbiet, u nikkwota:

> "Hadt nota tal-email tiegħek, u bħal dejjem jien kommess li nonora l-obbligi tiegħi u nwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari. Hemm informazzjoni illi fil-preżent mhux disponibbili, izda bħalissa qed isir eżerċizzju sabiex din l-informazzjoni tkun provduta.
>
> Nispera li fil-jiem li ġejjin inkun nista nagħti l-informazzjoni kollha."